**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Illum 8 ta Gunju 2017.**

**Rikors Numru: 313/15CSH**

**Andrea Tallon (Passaport Taljan YA6116456)**

**Vs**

**Giselda sive Gilda Caliendo (I.D. 70471A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Andrea Tallon ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru, 2015 fejn l-attur talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' sebat elef u hames mitt Ewro (€7,500) rapprezentanti fi investiment lill-konvenuta sabiex jigi gestit bar fi III, Pjazza Dun Tarcis Agius, Marsascala, izda illegalment u abbuzivament il-konvenuta inibiet lill-attur sabiex jippartecipa fih; bl-imghax u spejjez.

Rat ir-risposta ta' Giselda sive Gilda Caliendo pprezentata fis-7 ta' Dicembru, 2015 fejn esponiet:

"1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi l-konvenuta ma ghandha taghti xejn lill-attur.

2. Illi l-partijiet kienu shab f'kirja, u li eventwalment l-attur irrinunzja ghal sehmu u dan kif jirrizulta minn Dok A.

3. Illi fl-imsemmija skrittura tant l-attur kien jaf li ma kien dovut xejn lilu illi ma zamm l-ebda dritt ghal xi kumpens fuq l-imsemmija skrittura."

Rat in-nota tal-konvenuta ipprezentata fl-14 ta' Jannar, 2016 fejn gie pprezentat dokument A, u cioe' kopja ta' skrittura privata datata 22 ta' Settembru 2015. F'din l-iskrittura li saret bejn Carmelo sive Charles Calleja u l-konvenuta li fiha hemm indikat li effettivament il-konvenuta kienet qed tassumi r-responsabilita' tal-gestjoni tal-hanut b'effett mitt 22 ta Settembru 2015 'l quddiem wahedha. Jinghad f'din l-iskrittura li kien hemm allegatament ittra mibghuta f isem l-attur nhar it-18 t'Awissu 2015 fejn kien gie indikat li l-attur kein qed jirrinunzja ghal sehmu mill-kirja u ghalhekk is-S sur Calleja kien qed jaccetta u jirrikonoxxi li l-inkwilina l-gdida kienet biss il-konvenuta.

Rat in-nota ta' l-attur **Andrea Tallon** ipprezentata nhar l-14 ta' April 2016, fejn gie pprezentat l-affidavit tieghu stess bil-lingwa Taljana tradott ghal-lingwa Ingliza, fejn l-attur qal li Pino Russo u Giselda Caliendo kienu jghixu fllimkien, meta fis-sajf tas-sena 2014, Pino Russo kien offrielu jixtri bar f'Marsaskala. Ix-xhud jghid li s-sehem ta' Giselda Caliendo kien se johroghom Russo ghalkemm ma riedx jidher. Meta x-xhud spicca x-xoghol tieghu f'Sardegna, f'Ottubru 2014, huwa gie Malta biex jara n-negozju kif kien, u kien ftiehem li qabel ma jsir xi xiri, huma se jiehdu l-hin taghhom. Il-bejjiegha kienu qalu li riedu jibqghu f'Malta sal-Milied tas-sena 2014. Kif ix-xhud gie Malta, kien hemm tibdil, ghaliex is-sidien kellhom problemi kbar fl-Italja u peress li kellhom imorru lura l-Italja huma kienu mghaggla biex jitilqu, u ghalhekk kieku ma xtrawx malajr, il-bejjiegha kellhom nies ohrajn interessati li jixtru n-negozju; Caliendo, li kellha problemi finanzjarji, tant illi Russo kien jghajjarha li hi kienet tiswieh hafna, kienet qieghda tahdem biex jixtru n-negozju. Ix-xhud jghid li Caliendo kienet tmantni zewgt itfal minn zwieg li kellha u ghalhekk kienet qieghda tittama li permezz tal-bar hi tkun aktar finanzjament indipendenti.

Ix-xhud Tallon jghid li min-naha tieghu ma tantx kellu fiducja, u dan peress li Caliendo kienet titbaqbaq u ma tistax tiddiskuti maghha bil-kalma; ma kellhiex esperjenza fix-xoghol u kienet konvinta li jekk tara l-programm 'Master Chef' kien bizzejjed li ssir *chef* professjonali. Min-naha tieghu, ix-xhud ma kellux l-esperjenza necessarja u ma kienx komdu minhabba dawn l-argumenti bejn Russo u Caliendo, u peress li kien jghix fid-dar taghhom kien jara dawn l-argumenti kollha. Ix-xhud qal li hu kien qieghed ifittex dar u mar jghix wahdu peress li ried jitghallem l-Ingliz u jghix fil-paci. Minkejja dan kollu, xorta spicca

involut peress li l-ispejjez ma kienux hafna u baqa' jittama li l-affarijiet imorru ghall-ahjar, u xtaq li Caliendo ma tibqax f'sitwazzjoni kerha. Ghalhekk marru ghand in-Nutar u xtraw il-bar ghal prezz ta' €4,000 kull wiehed. Ix-xhud jghid li d-dokumenti relatati ma' dan in-negozju ghaddihom lill-avukat tieghu peress li kellu jiehu hsieb l-interessi tieghu.

Ix-xhud jghid li apparti dawn il-flus, hargu wkoll is-somma ta' €3,500 kull wiehed ghan-negozju pero' dawn il-flus nefqithom kollha Caliendo biex tixtri affarijiet, li skont hi kienu necessarji ghan-negozju, pero' fil-verita' ma kellhomx uzu. Apparti dawn l-affarijiet, il-post kellu bzonn ukoll naqra xoghol. Ix-xhud jghid li l-kopji tal-hlasijiet kienu qieghdin ghand l-avukat tieghu.

Ix-xhud stqarr li mall-ewwel affaccjaw il-problemi peress li kienu dahqu bih, peress li l-licenzja tal-bar kien f'isem Caliendo biss, u minkejja l-wieghda li se jigu korretti l-affarijiet Caliendo ma zammiex kelmitha. Hi kienet tghidlu li li jaghmlu kumpanija f'isimhom it-tnejn kien biss hela ta' flus. Jghid li r-relazzjoni bejniethom kienet ta' hbiberija u li dahqu bih minhabba f'hekk, spicca qisu l-impjegat taghhom. Jghid li Caliendo kienet tiehu d-decizjonijiet hi wahedha u jekk hu juri xi oggezzjoni, kien ikun hemm hafna argumenti, apparti wkoll li l-licenzja kienet f'isimha biss u ghalhekk hu ma kienx jidher li ghandu drittijiet Minkejja dan kollu huwa kien hallas minn flusu *barman* li kellhom, sforz in-nuqqas ta' esperjenza tieghu u fi zmien li kien suppost qieghed jiggestixxi l-hanut flimkien ma' Caliendo. Jghid li Caliendo dejjem kienet tgerger u kienu jilletikaw hafna, tant illi darba Caliendo marret ghalih biex tiggieled bl-idejn mieghu, Jghid li hi tbati minn problemi mentali, u ma tahsibx qabel ma tagixxi. Jghid li hu ma kienx irreagixxa u ra kif jitlaq. Caliendo kienet iddecidiet li taghlaq ghaxart ijiem qabel il-Milied, u marret Napli biex taghmel operazzjoni f'idha wara incident li kellha snin qabel meta kellha argument ma' Russo u kwazi qatghet idha barra, u l-isptar f'Malta ma hax hsiebha sew.

L-attur kompla billi stqarr li hu qal lil Caliendo u Russo li ma riedx jibqa' bin-negozju maghhom ghaliex ma kienx qed jafdahom u ma kellhomx relazzjoni tajba. Tallon offra li jbieghlu kollox, izda Russo u Caliendo ma accettawx u ftehmu li kugin ta' Caliendo kien se jixtri sehemu wara l-Milied ghall-prezz ta' €7,500, izda dan qatt ma sehh. Ix-xhud staqsa jekk din kenitx gidba ohra. Wara dan, Caliendo u Russo qalu li se jsibu xerrej Malti, izda dan ma sehhx lanqas. Ix-xhud qal li Russo weghdu li se jhallsu lura fi zmien xahrejn, tlieta imbaghad talbu zmien ta' sitt xhur u wara ta' sena. Jghid li hu ma baqax parti min-negozju u li Caliendo u Russo baqghu jiggestixxu l-bar minghajr ma jsaqsuh u minghajr

ma jaghtuh infomazzjoni dwar id-dhul. Ghalhekk mar ghand avukat Taljan li jahdem Malta biex tinstab soluzzjoni; ftehim ma ntlahaqx peress li Caliendo offriet li thallas €1,000 ratealment minflok €7,500. Hu kompla jonfoq il-flus, cioe €500, bhala spejjez legali biex jirkupra dak dovut lilu, pero' baqa' ma thallasx. Jghid li kiteb ittra lis-sid tal-fond fejn indika li mhux responsabbli ghall-hlas tal-kirja. Hu ma baqghax parti min-negozju, u Caliendo kienet tiggestixxi l-bar minghajr ma taghtih informazzjoni u zzomm d-dhul kollu ghaliha. Caliendo iddecidiet li l-ittra li baghat l-attur kienet tfisser li m'ghandhiex thallsu ta' sehemu. L-attur jghid li kien mar fil-bar ghal kafe' u kienet keccietu 'l barra ghaliex qaltlu li ma ghandu dritt ghal xejn. Ix-xhud jghid li rega' biddel l-avukat tieghu u intavolaw il-kawza odjerna. Jghid li rega' mar lura l-Italja ghaliex kellu xi xoghol, u ma kellu l-ebda informazzjoni ulterjuri dwar in-negozju, u ma kellu ebda kuntatt ma' Caliendo u lanqas ma' Russo, ma' min qabel kellu hbiberija twila. L-attur qal li hu jixtieq jithallas lura l-flus li hareg u cioe' €7500, flimkien mal-ammonti li hallas lill-avukati. [Alexia J 1]

Rat in-nota tal-attur epprezentata nhar il-15 ta' Gunju 2016, fejn rega' pprezenta l-affidavit tieghu stess bil-lingwa Taljana tradott ghal-lingwa Ingliza. Ma zied xejn ma' dak prodott minnu stess fl-affidavit tieghu datat 04 t'April 2016.[Alexia J 2]

Rat in-nota tal-attur epprezentata nhar is-26 t'Awwissu 2016, fejn gie pprezentat dokument dwar hlas bankarju li kien ghamel lillkonvenuta fl-ammont ta' €7,200 f'zewg pagamenti wiehed minnhom fl-ammont ta hamest elef u hames mitt Ewro (€5,500) nhar it-28 ta' Ottubru 2014 u l-pagament l-iehor fl-ammont ta elfejn Ewro ( €2,000) nhar is 17 ta' Ottubru 2014.

Rat in-nota tal-attur epprezentata nhar is-26 t'Awwissu 2016, fejn rega' pprezenta l-affidavit tieghu stess bil-lingwa Taljana tradott ghal-lingwa Ingliza, u gie kkonfermat bil-gurament. Ma zied xejn ma' dak prodott minnu stess fl-affidavits tieghu datati 4 t'April 2016 u 15 ta' Gunju 2016.

Rat ix-xhieda ta'l-attur Andrea Tallon moghtija nhar it-28 ta' Settembru 2016, fejn xehed bit-Taljan, liema xhieda giet maqluba ghal-lingwa Maltija mill-Qorti stess, fejn ikkonferma l-affidavit tieghu esebit fl-atti a fol. 49 u qal li ma kellux x'izid mieghu, u li hu ma jghixx Malta pero' huwa lest li jirritorna Malta f'kaz li jkun hemm il-htiega.

Rat li l-attur iddikjara li ma kellux aktar provi x'iressaq u dan fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Novembru 2016.

Rat in-nota tal-konvenuta ipprezentata nhar it-30 ta' Novembru 2016, fejn gie pprezentat l-affidavit taghha stess bil-lingwa Taljana tradotta ghal-lingwa Maltija mill-Qorti, fejn qalet li fix-Xitwa tas-sena 2014, Tallon kien ikkuntattja lill-partner taghha Pino Russo sabiex ifittex bar u jkun jista' jahdem hawn Malta, peress li f'Sardenja, fejn kien qieghed jghix ma' kollega tieghu ma kienx qieghed ghal qalbu. Wara li l-kerejja precedenti tal-bar qalu lill-konvenuta u lil Russo li kellhom intenzjoni jassenjaw in-negozju peress li kellhom problemi kbar fil-familja, taw permess lill-partner taghha sabiex jiehu numru ta' ritratti li huwa baghat lil Tallon li kien qieghed jitlob ritratti u ahbarijiet dwar il-bar. Fix-xahar ta' Ottubru 2014, Tallon wasal Malta u l-kerrejja precedenti tal-bar talbuhom jiddeciedu peress li l-problemi tal-familja kibru. Meta l-konvenuta u Tallon kienu marru jaraw il-bar, ix-xhud tghid li kienet specifikat ma' Tallon li setghu ifittxu xi haga ohra (peress li deher li ma kienx konvint), imma Tallon meta ra li l-prezz totali kien ragjonevoli, accetta li jiehdu l-bar. Mal-kerrejja precedenti ftehmu li jghallmuhom kif joperaw in-negozju u affarijiet bazici. Il-konvenuta tghid li filwaqt li hi kienet hatfet l-okkazzjoni li ppruvat toqghod gol-bar kemm jista' jkun halli tkun tista' titghallem, Tallon kien irrifjuta li jaghmel xi haga u li jilbes ilbies xieraq ghal waqt li jkun qieghed iservi ikel u xorb.

Fix-xahar ta' Ottubru marru ghand in-nutar sabiex jaghmlu l-kuntratt tal-kera u l-kuntratt tat-twellija tal-bar. Ix-xhud Caliendo tghid li hija u Tallon hargu s-somma ta' €4,000 kull wiehed biex hadu l-bar f'idejhom.

Ix-xhud tghid li minhabba li Tallon ma kellux kont tal-bank hawn Malta, fid-29 t'Ottubru 2014, huwa ghamel transfer ta' €5,500 fuq il-kont kurrenti taghha u sabiex ihallas is-sehem tieghu ghat-twellija tal-bar lill-kerrejja precedenti (€4,000 lis-sinjura Claudia D'Ambrosio), biex ihallas id-deposit tal-bidu (€760), u l-ewwel kera lis-Sur Calleja (skont il-kuntratt tal-kera €610 fix-xahar) u spejjez ohra li saru wara (ricevuti gew ipprezentati).

Ix-xhud issoktat billi qalet li Tallon beda jitkixxef dwar kif ser jifforma kumpanija, imma skont hu l-ispejjez kienu kbar wisq, u ghalhekk bhas-soltu tefa' r-responsabilita' kollha fuqha, u kellha tirregistra mal-VAT sabiex b'hekk kienet hi responsabbli ghall-hlas tal-VAT.

Wara li huma hadu l-bar f'idejhom, investew €3,500 kull wiehed biex hallsu zewg kirjiet u depozitu ghall-ispejjez fl-ammont ta' €1,500, u xtraw l-*appliances*, xorb, ikel u affarijiet ohra. Ix-xhud tkompli billi tghid li fil-granet ta' wara bdew il-problemi, peress li Tallon ma kienx qieghed jippartecipa fil-ftuh mill-gdid tal-bar, u rega' ghal darb'ohra gieghlha tiehu d-decizjonijiet importanti wahidha. Tallon ma riedx ikun prezenti ghall-ftuh ufficcjali tal-bar, imbaghad fuq insistenza tal-konvenuta attenda, pero' x-xhud tghid li Tallon gab ruhu bhala mistieden u mhux bhala s-sid tan-negozju.

Ix-xhud tispjega li li skont il-ftehim li ghamlu fil-bidu, Tallon kellu jibda jiehu hsieb il-bar min-nofsinhar sat-tmienja ta' filghaxija u l-konvenuta kellha tiehu hsieb mis-sebgha ta' filghodu sat-tlieta ta' waranofsinhar. B'dawn il-hinijiet tax-xoghol kienu se jassiguraw ruhhom li se jkunu hemm it-tnejn li huma fil-hin fejn l-aktar kien ikun hemm xoghol, u l-konvenuta kien ikollha hin x'tiddedika ghall-familja u z-zewgt itfal zghar taghha. Pero' minhabba l-imgieba tal-attur, il-konvenuta kien ikollha tibqa' fuq il-post tax-xoghol ghal hmistax-il siegha shah peress li huwa ma kienx ikun hemm. Il-konvenuta tghid li Tallon kien ta' spiss jigi tard ghax-xoghol u kien imur x'hin ifettillu. Ix-xhud tghid li minhabba l-atteggjament ta' Tallon, kellha tistaqsi lil omm il-partner taghha tigi Malta biex tkun tista' zzomilha t-tfal.

Il-konvenuta tghid li Tallon kien jirrifjuta li jilbes il-fardal wara l-bar (peress li kien jghid li l-uniformi kienet iddejqu). Taghti ezempju, li f'nofs inhar anke jekk il-bar kien ikun mimli bin-nies, huwa kien jaqbad u jitlaq, u jhalliha wahidha minghajr staff. Il-konvenuta tghid li kien ikollha taghmel kollox wahedha, issajjar, isservi l-ikel, isservi d-drinks u tnaddaf l-imwejjed, tahsel il-platti, tazzi u *cutlery* u taghmel dak kollu li jkun hemm bzonn isir go bar. Dan kollox kien iwassal biex in-nies idumu jistennew biex jinqdew u anke riperkussjonijiet fuq il-livell tal-kwalita' tas-servizz, biex b'hekk saret hsara lin-negozju.

Barra minnhekk Tallon kien ikun maledukat hafna, joqghod jiffitta u ma jgibx rispett lin-nies, kien anke jintefa' jiekol mal-klijenti tal-bar l-ikel li kien jigi servut, kien jiddeffes maghhom u ma kienx ihallihom fil-privat. Kien joqghod imaqdar quddiem in-nies l-*appitizers* li kienet taghmel il-konvenuta. In-nuqqas ta' ospitalita' tieghu lejn il-klijenti kienet qieghda tqajjem hafna kritika u tmaqdir. Il-konvenuta tghid li Tallon kien imur fi hwienet ohra (*bars u restaurants*) go Wied il-Ghajn u joqghod igorr li ma tantx kienu qieghdin jaghmlu qliegh, kien joqghod jitlob il-pariri dwar kif jista' jbiddel il-bar u l-menu. Ix-xhud tghid li Tallon ma riedx jerfa' responsabbilita' u ma riedx jiehu hsieb l-ordnijiet, u lanqas tal-kontijiet (dan kollu kien qieghed ikabbar in-nuqqas ta' ftehim u fiducja bejniethom).

Wara circa ghoxrin gurnata mill-ftuh tal-bar, Tallon kien mar id-dar tal-konvenuta u qalilha li x-xoghol tal-bar ma kienx jghodd ghalih u ried li jitlaq. Il-konvenuta tghid li kienet accettat u qaltlu li kienet se tfittex xi hadd minfloku (u dan ghaliex hi ma setghetx tiehu hsieb il-bar wahedha peress li kellha familja b'zewgt itfal). Ix-xhud tghid li kellha taghlaq il-bar fix-xahar ta' Dicembru minhabba ragunijiet ta' sahha, u talbet lil Tallon izomm il-bar miftuh imma hu rrifjuta.

Ix-xhud tkompli billi tghid li Tallon talab lill-partner taghha biex jillikwida s-sehem tieghu, imma l-partner taghha ma kienx interessat u ma riedx li x-xhud ikollha tiehu hsieb il-bar wahedha. Peress li l-konvenuta spiccat wahedha, kellha timpjega lil xi hadd jghinha (bi spejjez kbar) biex b'hekk setghet tal-inqas tistrieh ftit u jkollha ghajnuna fit-tmexxija tal-bar waqt li hi kienet tkun bil-kcina fuq wara.

Wara ftit zmien mit-talba ta' Tallon lill-partner tal-konvenuta, kien mar avukat fil-bar u qalilha li jekk riedet tkellem lil Tallon kellha taghmel dan permezz ta' avukat. Ftit wara Tallon rega' tfacca gol-hanut u talbitu sabiex jitlaq stante t-twissija tal-avukat titeghu, u wara ghamlet *refurbishment* tal-bar u tal-kcina, u kellha terga' tinvesti aktar flus.

Peress li Tallon baqa' jinsisti u ma ried jilhaq l-ebda ftehim finanzjarju ma' partner gdid, ix-xhud tghid li kienet aktar soda u kompliet tmexxi wahedha sakemm setghet. Wara circa 11-il xahar ta' sieghat twal ta' xoghol li wasslu ghal problemi sejri fil-familja, minhabba li x-xhud kienet tkun ftit hin biss id-dar, u problemi tat-tfal l-iskola u problemi fir-relazzjoni mal-partner taghha (tant illi kellha tinfired minn mieghu), il-konvenuta ddecidiet li taghlaq il-bar.

Meta ghalqet il-bar, kellha ticcahhad mix-xoghol taghha u tilfet circa ghaxart elef Ewro (€10,000) li kienet investiet b'kollox. Barra minn hekk kellha tibqa' thallas it-taxxi.

Ilil nhar it- 30 ta’ Novembru, 2016 il-konvenuta xehdet il-Qorti u kkonfermat li effettivamnet kellha negozju mal-attur u flimkien kienu investew xi flus. Ikkonfermat illi ir- relazzjoni taghha ma l-attur ma baqghetx l-istess. Tghid li l-attur telaq mill-bar mnghajr motivazzjoni ghaliex huwa ma xtaqx igib ruhu kif suppost, fosthom li jilbes dak li kien addatat ghal dak in- negozju. Lanqas ma gab ruhu sew mal-klijenti u wara xahar iddecieda li dak ma kienx ix-xoghol idoneju ghalih u fil-fatt qabad u telaq ‘l hemm.

Rat in-nota tal-konvenuta li permezz taghha ipprezentat numru ta’ dokumenti li gew markati bhala Dok GS 1 sa GS 51 liema dokumenti hemm referenza ghalihom fl-affidavit taghha.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur prezentata nhar it-22 ta’ Frar 2017 (fol. 118) u dik prezentata mill-konvenuta nhar it-22 ta’ Marzu 2017 (fol. 121).

Semghet lill-avukati tal-partijiet jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha u dan fis-seduta tal-10 ta’ Mejju 2017.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jallega li huwa kien nefaq somma flus u cioe' is-somma ta' sebat elef u hames mitt Ewro (€7,500) u dan sabiex ikun jista' jiggestixxi negozju flimkien mal-konvenuta bi shab u li f'certu zmien il-konvenuta inibietu milli jkompli jiggestixxi l-hanut maghha u ghalhekk kien qed jitlob li jiehu lura l-investiment li ghamel fin-negozju u cioe' il-gestjoni tal-bar f'Wied il-Ghajn. Min-naha l-ohra l-konvenuta qed tghid li filwaqt li huwa minnu li kienet shab mal-attur f'kirja u gestjoni ta' hanut, l-attur kien irrinunzja ghal sehmu, kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok A u li fl-istess skrittura ma zamm l-ebda dritt ghal kumpens.

Jinghad li fl-atti l-konvenuta kienet ipprezentat dokument li gie mmarkat bhala Dok. A, li permezz tieghu hija kellha ftehim allegatament gdid ma' sid il-bar gewwa Wied il-Ghajn fejn hemm dikajrat li b'effett mit-22 ta' Settemrbu 2015 l-attur kien allegatament ceda sehmu mill-kirja u li hija kienet qed tiehu r-responsabilita' tal-hanut wahedha. Jinghad pero' li f'dan il-ftehim l-attur ma hux firmatarju u ma jidhirx li jifforma parti minnu, ghalhekk dan il-ftehim jorbot biss lil kontraenti tieghu a bazi tal-principju ta' *res inter alios acta*. Ma jistax jinghad li dan il-ftehim jorbot lill-attur, molto piu' meta jinghad f'dan il-ftehim li effettivament u allegatament l-attur kien baghat xi ittra ta' rinunzja ghal xi kirja li donnu kienet ezistenti fejn hu kien inkwilin tal-istess fond. Ghalhekk a bazi ta' dan il-ftehim zgur li ma jistax jinghad li l-attur kien irrinunzja ghal xi dritt.

Il-principju generali hu li kuntratt li fih persuna ma tkunx parti, hu *res inter alios acta* ghaliha. Dan il-principju hu rifless fil-Kodici Civili:-

Artikolu 992(1)
"*Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*"

U

Artikolu 1001
"*Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi.*".

Ghalhekk din il-Qorti trid tezamina bir-reqqa il provi li ressqu l-partijiet u dan sabiex tara jekk effettivament l-attur irnexxilux jipprova l-azzjoni tieghu.

Illi m'hemmx dubju li l-provi f'din il-kawza huma skarsi hafna u bazikament jikkonsistu fix-xhieda tal-kontendenti biss u xi provi dokumentarji li wkoll huma fjakki.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li f`kawza ta` din ix-xorta fejn il-kredibilita` u l-veracita` tal-provi huma determinanti, hija trid tfittex li toqghod fuq l-ahjar prova, u tmur ghall-provi sekondarji biss meta tal-ewwel ma jkunux disponibbli.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et"** (mhux appellata), din il-Qorti (PA/JRM) fis-sentenza taghha kellha l-okkazjoni tidhol f`dettall dwar kif ghandu jigi trattat l-oneru tal-prova. Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi l-linji ta` hsieb li kienu traccjati f`dik is-sentenza jimmeritaw riferenza konsiderata u partikolari ghall-fini tad-decizjoni tal-lum. Bosta kienu il-principji li ttrattat il-Qorti f`dik id-decizjoni u li din il-Qorti tghid li huma rilevanti ghall-kawza tal-lum. Fost hwejjeg ohra, il-Qorti hemm qalet hekk :-

"*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f'kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika*" (ara - P.A. PS - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et** - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Gunju, 2006).

Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP – 12 ta' Jannar, 2001 - **Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss

l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS – 7 ta' Mejju, 2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**)

Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).

… *Izda dak li jghodd f'kawza m'huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f'kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*" (ara - App. Civ. 19 ta' Gunju, 2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et**).

Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu kienu nvoluti maghhom ikunu ta' bilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS – 7 ta' Mejju, 2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28 ta' April, 2004 - **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li *actore non probante reus absolvitur* (ara P.A. LFS – 18 ta' Mejju, 2009 - **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd**.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lill-Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19 ta' Gunju, 2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**).

Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9 ta' Jannar, 2008 - **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**)

Fil-kwadru tal-insenjamenti li johorgu minn din is-sentenza, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il-provi li tressqu fil-kawza tal-lum :-

1) Illi l-attur jghid li kien kera fond gewwa Marsascala flimkien mal-konvenuta pero' naqas li jesebixxi kopja tal-kirja in kwistjoni u ghalhekk ma jistax jigi esebit il-perijodu tal-kirja meta bdiet u x'kienu l-kundizzjonijiet tal-kirja fis-sens tal-inkwilinat li kien hemm. Naqas ukoll li jesebixxi kwalsiasi ftehim li seta' kien hemm bejnu u bejn is-socjo-konvenuta, fis-sens jekk kienx hemm xi ftehim dwar kif kellu jigi operat jew ahjar gestit dan l-allegat negozju. Dettalji dwar il-hinijiet ta' min kien ser jopera ma jirrizultawx mill-atti. Ftehim dwar min kellu jaghmel hlas ghal xiex ma jirrizultawx mill-atti. Hlasijiet li kien hemm u min ghamilhom ma jirrizultawx mill-atti. Anzi jinghad li l-konvenuta esebiet numru ta' ricevuti li jghajtu lilha dwar allegati hlasijiet li hija ghamlet fl-interess ta' dan l-allegat negozju. Pero' jinghad li stante li l-Qorti hija priva minn dettalji dwar iz-zmien tan-negozju, ma tistax torbot dawn l-ircevuti mal-gestjoni tal-istess u jekk sarux appuntu sabiex dan in-negozju jigi fuq saqajh. L-attur lanqas ma ressaq xi terzi persuni sabiex jipprova li effettivament saru xi pagamenti minnu inutilment.
2) L-attur jghid li huwa gie innegat id-dritt li jidhol fil-hanut. Ghal darb' ohra jinghad li prova dwar dan ma ressaqx, lanqas xhud wiehed biex jikkorrobora jew jissostanzja dak allegat minnu. Lanqas ghad-dirittura l-allegazzjoni li l-konvenuta bidlet xi serratura, ma giet provata.
3) L-attur jghid li hallas is-somma ta' €7,500. Dwar dan huwa esebixxa fotokopja ta' *bank transfer* li sar, liema dokument lanqas ma gie awtentikat. Jinghad pero' li l-konvenuta ma tichadx li effettivament l-attur ghamel xi pagament. F'dan id-dokument kull ma jirrizulta ut sic hu li saru zewg pagamenti, wiehed transfer ta' €5500 minn Andrea Tallon ghal Gilda Caliendo u pagament iehor ta' €2000 minn Andrea Tallon. Pero' minkejja li dan l-ahhar pagament gie akkreditat lil xi kont fl-HSBC, ma jirrizultax min hu t-titolari ta' dan il-kont. Illi ghalhekk permezz ta' dan id-dokument l-attur ma pprova xejn salv li efettivament ghamel *transfer* ta' hamest elef u hames mitt Ewro (€5500) lill-konvenuta. Il-konvenuta ma tichadx li l-attur ghamel pagament. Pero' jekk verament il-kontendenti kellhom jaghmlu xi negozju flimkien, kien jispetta lill-attur jaghmel xi pagamenti. Pero' ghal-liema skop saru dawn il-pagamenti ma jirrizultax.

4) Il-konvenuta min-naha l-ohra tghid li huwa minnu li kellha negozju mal-attur pero' tghid li l-attur kien xeba' minn dan in-negozju u qabad u telaq 'l hemm u waqaf minn rajh. Tghid li hija ghamlet diversi pagamenti u ghad-dirittura esebiet numru ta' ricevuti. Tghid li hija qatt ma waqqfet lill-attur milli jkompli jinnegozja maghha, pero' kien hu li waqaf u li ceda l-inkwilinat.
5) Illi l-attur qatt ma qal li effettivament ma kienx minnu li huwa ceda l-inkwilinat u ma ha l-ebda passi kontra dan Calleja li deher fuq il-ftehim mal-konvenuta sabiex iwaqqa' dan il-ftehim possibilment gdid.

**Il-Qorti thoss li l-attur ma rnexxilux jipprova l-azzjoni tieghu u cioe' li huwa kien gie priv mill-konvenuta li jippartecipa fin- negozju li kellu maghha u ghalhekk f'dan ir-rigward thoss li l-azzjoni ma gietx provata u konsegwentement filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tichad it-talba attrici.**

**Bl-ispejjez kontra l-istess attur.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**